# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 5**

**Appell numru 292/2020/2**

**Sandro Caruana**

***v.***

**Kunsill Lokali Marsa u**
***WM Environmental Limited***

1. Dan il-provvediment huwa fuq rikors ta' Sandro Caruana ["Caruana"] tat-28 ta' Settembru 2021 wara sentenza ta' din il-qorti tal-25 ta' Frar 2021 li, wara li ħassret deċiżjoni tal-Kunsill Lokali tal-Marsa ["il-Kunsill Lokali"] bħala awtorità kontraenti u ħassret ukoll deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ["il-Bord ta' Reviżjoni"] f'każ ta' sejħa għal offerti li fiha kien ħa sehem Caruana, ordnat illi l-proċess ta' għażla tal-oblatur li lilu jingħata l-kuntratt isir mill-ġdid.

2. Bir-rikors tat-28 ta' Settembru 2021 Caruana, billi jidhirlu illi l-proċess ġdid tal-għażla ordnat minn din il-qorti ma huwiex qiegħed isir kif iridu r-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbiku ["L.S. 174.04"], talab illi din il-qorti:

> »1. provviżorjament u immedjatament tordna lill-kunsill lokali u/jew il-bord tal-evalwazzjoni tal-awtorità kontraenti u/jew l-awtorità kontraenti biex jissospendu kwalsijasi proċess ta' rivalwazzjoni li ngħata bidu wara s-sentenza ta' din il-qorti, *stante* li dawn l-appellati m'humiex jottempraw ruħhom mal-liġi;
>
> »2. tordna lill-appellati sabiex immedjatment jottempraw ruħhom mal-liġi għal dak li jirrigwarda r-rivalwazzjoni a tenur tas-sentenza ta' dina l-onorabbli qorti, senjatament billi l-proċess ta' rivalwazzjoni jsir *tramite* l-pjattaforma www.etenders.gov.mt;
>
> »3. tordna lill-kunsill lokali sabiex jiddeżisti milli jxerred informazzjoni dwar l-offerta tiegħu lil oblaturi oħrajn;
>
> »… … …«

3. *WM Environmental Limited* ["*WM*"] wieġbet fil-5 ta' Ottubru 2021 u l-Kunsill Lokali wieġeb fis-7 ta' Ottubru 2021.

4. Effettivament dak li qiegħed jitlob Caruana hu li din il-qorti tirregola f'dan l-istadju l-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti. Ir-rwol ta' din il-qorti iżda ma huwiex dak li tissorvelja t-tmexxija tal-proċess waqt li għadu għaddej iżda li, *ex post*, tagħti ġudizzju dwar il-validità u r-regolarità tiegħu wara li tkun ingħatat deċiżjoni dwar hekk mill-Bord ta' Reviżjoni. Dak li qiegħed jitlob Caruana, għalhekk, ma huwiex fil-kompetenza tal-qorti.

5. Il-qorti għalhekk ma tqisx aktar ir-rikors, bla ħsara għal kull rimedju ieħor li jista' għandu jew ikollu r-rikorrent.

6. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallashom ir-rikorrent Caruana.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm